



Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10070/23

LIMITE

TELECOM 175
COASI 117
RELEX 669
COMPET 562
ASIE 56
SERVICES 18

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Avviż ta' intenzjoni li jinħarġu Dikjarazzjoni Konġunta fil-Kunsill ta' Sħubija Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (30 ta' Ġunju 2023, Seoul) u Dikjarazzjoni Konġunta fil-Kunsill ta' Sħubija Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun (3-4 ta' Lulju 2023, Tokyo) - Awtorizzazzjoni biex jiġi nnegożjat strument mhux vinkolanti

1. Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Grupp ta' Hídma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni ġie infurmat mill-Kummissjoni Ewropea, fnota¹, bl-intenzjoni tagħha li tibda diskussjonijiet dwar Sħubijiet Diġitali individwali mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea (RoK) u Singapore bil-ħsieb li tiġi stabbilita kooperazzjoni fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà.
2. Il-Kummissjoni ċċarat li s-Sħubijiet Diġitali jieħdu l-forma ta' strumenti mhux vinkolanti² li jindirizzaw l-erba' pilastri tal-Kumpass Diġitali tal-UE³: l-infrastruttura, il-ħiliet, it-trasformazzjoni diġitali tan-negożji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, u jistgħu jinkludu oqsma oħra biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fil-qasam diġitali u l-kummerċ.

¹ WK 15233/21

² Arranġamenti dwar l-istrumenti mhux vinkolanti konklużi mis-segretarji ġenerali tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tas-SEAE f'Diċembru 2017 (ST 15367/17).

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021DC0118>

3. Wara l-approvazzjoni mill-Coreper fis-16 ta' Frar 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegoza s-Sħubijiet Diġitali mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea (RoK) u Singapore fil-forma ta' strumenti mhux vinkolanti fit-22 ta' Frar 2022⁴. Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar tas-Sħubijiet Diġitali mal-Ġappun fil-11 ta' Mejju, mar-Repubblika tal-Korea fl-14 ta' Novembru, u ma' Singapore fid-19 ta' Diċembru 2022. It-tliet Sħubijiet Diġitali mbagħad ġew iffirmati separatament sal-bidu tal-2023⁵.
4. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni tal-31 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni għarrfet lid-delegazzjonijiet bl-intenzjoni tagħha li tidħol f'diskussjonijiet biex tfassal Dikjarazzjoni Konġunta mal-Ġappun u Dikjarazzjoni Konġunta mar-Repubblika tal-Korea (ROK) fisem l-UE, fil-kuntest tal-ewwel laqgħat tal-Kunsilli ta' Sħubija Diġitali UE-Ġappun u UE-Repubblika tal-Korea (fit-3 u l-4 ta' Lulju 2023 f'Tokyo u fit-30 ta' Ġunju 2023 f'Seoul, rispettivament)⁶.
5. L-għan tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti UE-Ġappun u UE-Repubblika tal-Korea huwa li jiġi affermat mill-ġdid l-impenn politiku tal-UE għas-Sħubijiet Diġitali ffirmati fl-2022 u li jiġu vvalidati r-risultati tal-kooperazzjoni u r-risultati konkreti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' kull Sħubija Diġitali.
6. F'konformità mal-arranġamenti dwar strumenti mhux vinkolanti, il-Kummissjoni ħadet impenn li tgħarraf regolarment lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni u gruppi rilevanti oħra dwar il-progress li jkun sar mal-Ġappun u mar-Repubblika tal-Korea, u li terġa' lura għand il-Kunsill biex titlob l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-firma ta' kull Dikjarazzjoni Konġunta.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegoza Dikjarazzjonijiet Konġunti mal-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, kif jinsab fid-dokument WK 6927/23.

⁴ 5862/22

⁵ L-ewwel Sħubija Diġitali tnediet fis-Summit bejn il-Ġappun u l-UE fit-12 ta' Mejju 2022. L-UE u r-Repubblika tal-Korea ffirmaw is-Sħubija Diġitali tagħhom fit-28 ta' Novembru 2022, u s-Sħubija Diġitali bejn l-UE u Singapore ġiet iffirmata fl-1 ta' Frar 2023.

⁶ WK 6927/2023